# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERC)

## ONOR. IMHALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum il-Gimgha 9 ta` Lulju 2021**

**Kawza Nru. 1**

Fl-atti tar-rikors Numru **34/2001ISB** fl-ismijiet :

**Marina Milling & Grain Handling Co. Limited (C-343)**

Vs

**Euro Imports Limited (C-26684)**

**Il-Qorti :**

Rat il-provvediment li permezz tieghu l-kumpannija **Euro Imports Limited (C 26684)** kienet dikjarata xjolta mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Jannar 2014, u fejn kien ordnat l-istralc taghha.

Rat id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tal-Gimgha 27 ta' Settembru 2019 li permezz taghha ikkonfermat id-decizjoni appellata hawn fuq msemmija.

Rat l-atti kollha tal-procediment ta` stralc, inkluzi l-verbali tal-udjenzi kollha li saru, l-informazzjoni mghoddija minn zmien ghal zmien mill-istralcarju kif evidenzjat mill-verbali tas-seduti mizmuma u kif ukoll mir-rapporti preliminari minnhu mhejjija u ppresentati;

Rat l-ahhar rapport minnhu mhejji minn fejn jirrizulta illi l-attiv tal-kumpannija xjolta kif irnexxielu jigbor l-istralcjarju jammonta ghal total komplessiv ta' elf sitt mija u tnejn u sebghin Euro u tlieta u erbghin centezmu (EUR1672.43);

Rat illi l-istess stralcarju talab illi l-pjan ta' gradwazzjoni minnhu mhejji u kif dikjarat fir-rikors tieghu tat-3 ta' Gunju 2021 (inkluz minn DOK RU 1 esebit l-ghada permezz ta' nota tal-4 ta' Gunju 2021) jkun approvat ghal finijiet ta' skema ta' distribuzzjoni, anke jekk in vista tad-digriet moghti aktar kmieni llum stess waqt din l-udjenza, bir-remunerazzjoni dovuta lill-istess stralcarju jirrizulta illi lanqas biex jithallas hu ma hemm bizzejjed;

Tiddikjara ruhha sodisfatta li l-istralcjarju osserva l-htigijiet kollha skont il-Kap 386 tal-Ligijiet ta`Malta.

Tqis li sar minn kollox min-naha tal-istralcarju sabiex jaqdi tajjeb il-funzjonijiet u l-inkarigu tieghu skond il-ligi.

Tqis illi ma hemm xejn aktar ragjonevolment x'isir u b'hekk jista' jinghata l-provvediment finali.

Tqis li l-affarijiet tal-kumpannija huma stralcjati.

**GHALDAQSTANT**, il-Qorti, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi u billi kienu mharsa l-htigijiet kollha tal-ligi, qed tghaddi biex:

1. **Tapprova** l-pjan ta' gradwazzjoni tad-djun tal-kumpannija Euro Imports Limited C 26684 kif dikjarat fir-rikors tal-istralcarju tat-3 ta' Gunju 2021 inkluz minn nota pprezentata fl-4 ta' Gunju 2021 kontenenti DOK RU 1, inkluz ukoll mill-hlas tar-remunerazzjoni lilu dovuta kif degretat aktar kmieni llum f'dawn l-istess proceduri.

2. **Tehles** lill-istralcjarju mill-hatra tieghu.

3. **Tordna** lir-Registratur tal-Qorti sabiex minnufih jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji avviz tal-helsien tal-istralcjarju mill-hatra tieghu.

4. **Tordna** li l-isem tal-kumpannija Euro Imports Limited (C-26684) jithassar mir-Registru tal-Kumpanniji b`effett mil-lum.

5. **Tordna** lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien sebat' ijiem mil-lum jibghat lir-Registratur tal-Kumpanniji l-ordni ta` thassir tal-kumpannija Euro Imports Limited (C 26684).

6. **Tordna** lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex ihares dik l-ordni.

**Onor. Imhallef Dr Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**